# *E. B. VELLA*

DAWK li jħobbu l-Ilsien Malti u l-Istorja ta' Artna, kif ukoll l-impjegati kollha tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, ma setgħux ma ħassewx sogħba kbira meta fit-2 ta' Mejju ġriet l-aħbar li E.B. Vella, fl-għomor qasir ta' 47 sena, kien għalaq għajnejh għal dejjem u mar fi ħdan il-Mulej biex minn għandu jieħu l-premju li kien jistħoqqlu.

Lil E.B. Vella kien jafu kulħadd. Bniedem dħuli u ħabriekì mill-aktar, hu ma kellux sabar joqgħod waqt wieħed biss ma jagħmel xejn; il-mistrieħ tiegħu kien ix-xogħol. Dan mhux paradoss, iżda l-verità kif jixrdu dawk li kienu jafu lil Manwel.

Sa minn ċkunitu, E.B. Vella qata' bi snienu; kif igħidu l-Ingliżi hu kien "a self-made man". Beda t-tagħlim tiegħu fl-Iskejjel tal-Gvern, minn fejn laħaq Assistent. Wara sitt snin xogħol fil-klassijiet, hu, l-iżgħar fost sħabu ta' dak iż-żmien, qagħad għall-eżami u għadda biex imur l-Ingilterra fi "Training College" sabiex hemmhekk jissokta jitħarreġ fit-tagħlim u jilħaq Surmast.

Fl-Ingilterra Manwel ħadem kemm felaħ; hu studja u tħabat u l-premju tax-xogħol tiegħu kienu ċ-ċertifikati sbieħ li tawh. Jekk ma niżbaljax, Manwel Vella kien l-ewwel surmast Malti li kiseb il-"Board of Education Certificate" u li mbagħad bih seta' jgħallem fl-iskejjel elementari f'kull naħa ta' l-Imperu Ingliż. Lura f'Malta, f'idejh kienu fdati għadd ta' skejjel — ta' San Pawl il-Baħar, Ħaż-Żabbar, il-Birgu u Ħall Tarxien, fejn hu għamel minn kollox biex igħallem u jġib lit-tfal il quddiem. Imbagħad hu laħaq Spettur ta' l-Iskejjel Primarji fi żmien meta l-edukazzjoni f'Malta kienet imfixkla ħafna, l-aktar ħtija ta' ħidmet il-għadu. Iżda E.B. Vella ma qatax qalbu. Il-ħatra ġdida tiegħu ssoktat imlietu b'ħeġġa akbar u hu għamel kull ma seta' biex jiftaħ skejjel ġodda u biex jibda jingħata tagħlim liż-żgħażagħ bħala tħejjija għas-safar.

Din il-ħidma biss kienet tkun biżżejjed għal bniedem wieħed biex jistħoqq it-tifħir ta' poplu sħiħ. Iżda E.B. Vella ma kienx kuntent b'daqshekk biss. Hu kien studjuż kuxjenzjuż ta' l-Arkijoloġija u l-Istorja ta' Malta, kif ukoll ta' Lsienna —

saħansitra mar jagħmel sena fli "School of Oriental Studies", l-Università ta' Londra, biex jitħarreġ fl-ilsna semin ħalli jkun jista' jidħol aktar il ġewwa fl-istudju ta' l-Ilsien Malti. Il-kotba li ħalla warajh huma prova ta' x'jista' wieħed jagħmel jekk, l-istess bħal Vittorio Alfieri, ikollu rieda qawwija li jistudja u jikteb. Lill-pinna ta' Manwel nafu l-istejjer ta' Ħaż-Żabbar, iż-Żejtun u Marsaxlokk, Ħal Tarxien u Raħal Ġdid, il-Mosta, u Birkirkara. Hu kien qiegħed jaħdem ukoll fl-istorja ta' l-Imdina u r-Rabat li ma laħaqx temm għal kollox; il-manuskritt hu ta' aktar minn elf paġna, u nittama li wlied Manwel ma jħalluhx midfun imma juruh id-dawl bħala tifkira tal-maħbub missierhom. Jidhirli li ma hemmx għalfejn wieħed jitkellem fuq ir-reqqa u l-istil popolari, iżda qawwi, li bihom huma miktuba dawn ix-xogħlijiet għaliex sew il-kotba nnifishom kemm ir-reċensjonijiet li xxandru dwarhom huma magħrufin biżżejjed.

Fil-qasam tal-Letteratura Maltija E.B. Vella għandu sehem sabiħ ukoll. Hu għallem mijiet kbar ta' tfal u żgħażagħ jagħarfu u jgħożżu l-ġmiel ta' l-Ilsien Malti u l-benna tal-Letteratura Maltija; sabiex jilħaq l-għan tiegħu bl-għajnuna tal-Gvern, u b'mod speċjali tal-mibki Dr. Laferla, hu ppubblika antoloġija f'sensiela ta' kotba magħrufa bl-isem ta' "Ġabra ta' Ward", li fiha wera dehen kbir, kriterju għaqli u sens għoli ta' kritika lettererarja. Il-ġenerazzjonijiet tal-lum u ta' għada sejrin jibqgħu jiftakru isem E.B. Vella mill-kotba li hu tahom f'idejhom. Kieku Alla għoġbu jħallih ħaj ftit tas-snin oħra hu kien x'aktarx iħalli tifkira oħra warajh barra l-Istorja ta' l-Imdina u r-Rabat, għaliex hu kellu f'moħħu jippubblika sensiela ta' kotba bl-Ingliż għat-tfal ta' l-Iskejjel Primarji; b'dal-ħsieb hu kien ġa beda dan ix-xogħol bil-pubblikazzjoni ta' librett dwar it-tagħlim ta' l-Ilsien Ingliż lit-tfal Maltin.

Wieħed ma jsibx tmiem kieku kellu jsemmi u jgħid erba' kelmiet biss fuq kull ma kiteb E.B. Vella, fuq il-konferenzi li ta, diskorsijiet li għamel, artikoli li xandar fil-ġurnali u perjodiċi sew ta' Malta kemm ta' barra. Iżda għalfejn aktar minn daqshekk? Min fiż-żmien ġejjieni jista' jqalleb il-karti dwar il-ġrajja ta' Malta ma' tul dawn l-aħħar għoxrin sena u ma jiltaqax ta' sikwit ma' isem E.B. Vella?

Il-ħasra hi waħda, li E.B. Vella nqered f'qasir il-għomor għaliex li baqa' ħaj hu żgur kien jagħtina xogħlijiet oħra fejjieda u ta' siwi kbir li kienu jissoktaw jiksbulu l-għożża ta' kulħadd.

Imma hu miet kuntent għaliex kif ftit qabel ma miet stqarr lil wliedu u lil martu hu qatt ma tgħażżen ma' tul ħajtu u dan il-fatt hu kien bir-raġun kollu jqisu bħala l-isbaħ xempju li wieħed jista' jagħti u l-ogħna wirt li wieħed jista' jħalli warajh.

Fix-xogħol tiegħu E.B. Vella sab il-ko-operazzjoni ta' ħafna ħbieb, imma l-aktar ta' martu, uliedu u ħutu; lil dawn ilkoll nixtiequ nsabbru fit-telfa kbira li ġarrbu billi ngħidulhom li l-maħbub tagħhom ma nfiredx minnhom, imma baqa' magħhom u ma' eluf ta' oħrajn ukoll bil-ħidma u x-xempju tiegħu.

G. Zarb Adami.